**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Novembru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 811/2020 AF**

Fl-Atti tal-Mandat (Kawtelatorju) ta' Sekwestru bin-numru: 1078/2020 fl-ismijiet:

**Dylan Gerada bhala mandatarju specjali ta' Hatem Rafa Sasi u Howayda Ashrif**

**vs**

**Simon Zarb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Simon Zarb li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti:

1. Tirrevoka u thassar *in toto* l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1078/2020 fl-ismijiet *"Dylan Gerada (K.I. 370091M) bhala mandatarju specjali ta' Hatem Rafa Sasi (K.I. 577818L) u Howayda Ashrif (K.I. 0521285M) -vs- Simon Zarb (K.I. 0458375M)"* u ghalhekk tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun;

2. Tiddikjara illi l-mandat ta' sekwestru numru 1078/2020 fl-istess ismijiet inhareg mill-atturi bi traskuragni, malizzja, u/jew li l-istess mandat hu frivolu u/jew vessatorju, kif ukoll billi huma ma jistghux jiggustifikaw li l-att kawtelatorju kellu jinhareg, u/jew billi huma naqsu milli jinterpellaw lill-esponenti fi zmien hmistax-il jum qabel intavolaw il-mandat;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-esponent l-oghla penali kontemplata fl-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,

u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi u b'rizerva ghad-danni inkluzi taht l-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Hatem Rafa Sasi u Howayda Ashrif li ghar-ragunijiet minnhom moghtija, sostnew li t-talbiet ghandhom jigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Jigi enfasizzat f'dan l-istadju tal-proceduri pendenti bejn il-partijiet illi kull ezami li taghmel il-Qorti jibqa' limitat ghal dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi l-iskrutinju profond tal-vertenza jibqa' rizervat ghall-Qorti fid-deliberazzjonijiet taghha tal-kawza fil-mertu.

Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm kull mandat iwegga' jew almenu johloq inkonvenjent serju lil min jircevih, u ghalhekk huwa mghallem li l-arma tal-mandat m'ghandhiex tigi abbuzata, l-Qorti ma tistax leggerment tiskarta l-jedd ta' kreditur li jivvanta pretensoni li jikkawtela dak il-kreditu b'kull mezz li tipprovdilu l-ligi.

Ir-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu mis-sekwestranti a tenur tal-Art. 836(1)(d) u (f) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *…*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Jirrizulta illi l-partijiet kienu flimkien dahlu ghal *joint venture* li permezz tieghu jidher li kienu jakkwistaw, jizviluppaw u sussegwentement ibieghu proprjetà immobbli. Issa li l-*joint venture* jidher li gie xolt, mhumiex qed jaqblu dwar il-pendenzi bejniethom. Is-sekwestranti qed jistabilixxu bhala sorte tal-mandat ic-cifra ta' €150,000.

Madanakollu l-istess sekwestranti lanqas hjiel ta' prospett ma waslu biex jistabilixxu. Jirreferi ghall-atti tal-kawza minn fejn tirrizulta skrittura ffirmata li tiddikjarahom komproprjetarji ta' xi proprjetajiet li jidher li issa nbieghu. Madanakollu jirrizulta

li huma ttrasferew sehemhom fuq proprjetà minnhom ghal €50,000 li jiddikjaraw li rcevew. Jidher ukoll mad-daqqa t'ghajn li fit-30 ta' Jannar 2020 huma rcevew €10,000 u ddikjaraw li ma kienx fadal pendenzi bejniethom. Ghar-rigward tal-kopji tat-transazzjonijiet bankarji esibiti, anki jekk wiehed kellu jattribwihom kollha ghal sehemhom fil-*joint venture*, il-Qorti ma tasalx permezz taghhom ghall-kwantifikazzjoni ta' xi sehem li qeghdin jippretendu, u cioè €150,000 meta sa ftit xhur ilu l-ittra legali mibghuta lilhom b'talba ta' €30,000 ma ghamlet ebda hjiel ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha taghhom.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti ssib illi t-talba ta' Simon Zarb ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru hija gustifikata. Il-Qorti terga tenfasizza li dan kollu qieghed jinghad a bazi ta' dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. It-talbiet <u>kollha</u> tas-sekwestranti jibqghu b'hekk totalment impregudikati. Madanakollu l-Qorti ma ssib ebda cirkostanza li twassalha timponi penali kif mitlub.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Simon Zarb u thassar *in toto* il-mandat ta' sekwestru 1078/2020.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF